Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 459 / 2016

Il-Pulizija

vs

**Jason Bartolo**

Illum, 3 ta' Ottubru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jason Bartolo, iben Anthony, imwieled fl-24 ta' Ottubru, 1970, detentur tal-karta tal-identita' numru 464770 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli *"… fit-28 ta' Dicembru 2012, ghall-habta tal-21:45hrs gewwa Triq il-Marfa, l-Mellieha:*

1. *Saq b' velocita aktar milli jmissu*
2. *Saq vettura Nru JMC 230 b' manjiera (i)traskurata, (ii) perikoluza, (iii) u bla kont.*
3. *U aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Pio Valletta skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri M.D minn Mater Dei Hospital."*

Il-Prosekuzzjoni tablet lill-Qorti li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti ddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikolu 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tlett elef Euro (€3,000) u tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' erbgha (4) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnu pprezentat fis-17 ta' Novembru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

**(a)** Tikkonfermaha fil-parti fejn l-Onorabbli Qorti ddikjarat li l-ewwel (1) imputazzjoni hija preskritta.

**(b)** Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati cjoe it-tieni (2) u t-tielet (3) il-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

Illi bl-akbar rispett kif se jirrizulta waqt il-mori tal-appell ix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni taw verzjonijiet pjuttost diferrenti u konfliggenti ta' kif gara l-incident.

Illi mix-xhieda ta' Pio Valletta u Terrence Donnoly jirrizulta li huma raw lill-esponent jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu minn diversi metri boghod u per konsegwenza huma qatt ma setghu jidentifikaw x'kienet il-konsegwenza/raguni li minhabba fiha l-esponent tilef il-kontroll tat-traffiku.

Illi mix-xhieda ta' Joseph Fenech li kien passiggier mal-esponent jirrizulta li l-esponent kien qed isuq mill-Ghadira fid-direzzjoni tal-Mellieha meta f'xi hin il-passiggier hass skoss, refa' ghajnejh, ra dawl qawwi go ghajnejh u gara l-incident.

Illi mix-xhieda ta' PS419 Anton Buttigieg, jirrizulta illi il-breathalyzer li sar fuq l-esponenti rrizulta mhux biss fin-negattiv izda irrizulta zero.

Illi l-esponent xehed fid-dettal dwar l-incident. Huwa jsostni li kien qed isuq mid-direzzjoni tal-Ghadira ghall-Mellieha. Meta kien qabez it-Tunny Net naqra' l fuq, xi hamsin metru, jara dawl ta' karozza bright minn quddiemu, gibed 'l gewwa, hass skoss ghax kien hemm hofra, habat rasu mal-pilastru tal-bieba liema griehi gew iccertifikati minn Dr Andrea Aquilina, u mbaghad ma jiftakar xejn aktar hlief li kien hemm il-habta.

Illi x-xhud Emy Vella li kien qed isuq immedjatament wara l-esponent fil-hin tal-incident, jikkonferma li f'dik il-parti tat-triq hemm hofra (li huwa wkoll kellu jaghmel manuvra biex jevitaha) u li l-esponent prova jiskapolha. Per konsegwenza l-vettura tieghu baqghet sejra n-naha l-ohra u habtet ma' vettura u l-hajt.

Bl-akbar rispett, l-Onorabbli Qorti abbazi ta' dawn ix-xhieda ma setghetx ragonevolment u serenamnet tasal ghas-sejbien ta' htija tal-esponent.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-fond tar-rizultanzi processwali. Dan huwa naturalment apprezzat izda bl-akbar rispett l-ewwel Onorabbli Qorti injorat ghal kollox il-fatt li kien propju dawl

ta' karozza *bright* li kien gej minn quddiem l-esponent kif ukoll hofra fit-triq kienu il-kawza tal-incident. Ix-xhieda tal-esponenti hija ikorraborata kemm mix-xhieda ta' Joseph Fenech li kien passiggier fil-karozza tal-esponent kif ukoll mix-xhieda ta' Emy Vella. Kemm Joseph Fenech, kif ukoll l-esponent fix-xhieda taghhom jikkonfermaw kemm li raw dawl qawwi f'ghajnejhom konsegwenza tal-*bright* kif ukoll li hassew skoss qawwi kagun tal-hofra li hemm fit-triq. Fix-xhieda tieghu Emy Vella jikkonferma li f'dik il-parti tat-triq hemm hofra u li huwa wkoll kellu jaghmel manuvra biex jevitaha.

Bl-akbar rispett l-Onorabbli Qorti kellha tiehu konsiderazzjoni ta' dawn iz-zewg fatturi pjuttost fundamentali meta giet biex tiddeciedi dan il-kaz. L-esponent qatt ma setgha jevita' dan l-incident u dan minhabba cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti **it-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi jigi relevat illi l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-fond tar-rizultanzi processwali izda jidher li hija ftit li xejn tat importanza tal-fatt li minkejja li l-incident gara il-gimgha 28 ta' Dicembru ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija u cioe zmien il-festi, meta l-pulizija ghamlu l-breathalyzer test lill-esponent mhux talli irrizulta fin-negattiv izda irrizulta zero. Dan il-fatt jindika il-prudenza, l-galbu u l-ghaqal tal-esponent li minkejja li kien zmien il-festi l-esponent ghax kien se jsuq ma xorob l-ebda xorb alkoholiku. L-esponent ghamel dak li kien mistenni minnu u l-incident sehh minhabba cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u dan fis-seduta tat-23 ta Lulju 2019

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell in kwistjoni hu bazat fuq tlett binarji u cioe is-segwenti:-

1. Li l-pulizija ma resqitx l-ahajr prova sabiex tissostanjza l-akkuzi moghtija lill-akkuzat.
2. Lid-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi imressqa quddiem l–ewwel Qorti ma sarx b'mod tajjeb.
3. Il-fatt li minkejja li l-incident sehh fiz-zmien il-festi u cioe nhar it-28 ta' Dicembru 2012, l-appellant ma kien xorob xejn tant li r-rizultat tal breathaylser kien qieghed ta' zero u ghalhekk din il-Qorti messha hadet din il-prova in konsiderazzjoni fir-rigward almenu tal piena imposta.

Ikkunsidrat,

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale[1]:

"*Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit*".

Huwa principju baziku ipprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs. Philip Zammit et** [2]u tghid pero' li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil

[1] Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890
[2] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994

hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carlos Stivala**[3] gew tratti l-principji komuni tal-kuncett in dubio pro reo u l-grad rikjest sabiex tinstab htija u fil-kaz ta' dubbju jew kunflitt ta' provi l-Qorti hija tenuta tassolvi. Fl-imsemmi kaz intqal;

"*Mill-banda l-ohra jekk id-difiza taghzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed ghad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi taghha fuq bazi ta' konvincament morali li jistrieh fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan isehh, u l-Qorti ma thosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni lahqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-**Qorti trid tillibera** lill-imputat*".

Fil-fatt fis-sentenza fl**-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**[4]**,** dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Ghalhekk dak mistqarr f-ewwel aggravju tal-appellant ser jigi mistharreg fl-ezami tal-provi prodotti li resqet qudiemha u dan sabiex tara jekk dak allegat mill-appellant hux minnu jew le.

Dwar it-tieni agggravju jinghad li hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati Dr Joe Mifsud pronuncjata fl-10 ta' Lulju 2017.

[4] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997

tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal - li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzzjoni (ara f'dan issens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**" [5][12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[6]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs.Carmel sive Chalmer Pace**[7]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[8]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v.Cooper**[9]" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*[10]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[11]", inghad illi :-

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991.
[9] 1969] 1 QB 276
[10] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta Dicembru 1994

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Dwar it-tielet aggravju l-appellant isostni li minkejja li kien zmien il-milied u cioe zmien il-festi meta ittihdilu l-breathalyser test dan ta rizultat negattiv ghal presenza ta xorb. Fil-fehma tal-appellant l-ewwel Qorti naqset milli tiehu dan in konsiderazzjoni. Jinghad li fattur bhal dan ma ghandux jigi meqjus bhal xi haga straordinarja u dan ghaleix huwa dover u obbligu ta' kull sewwieq li ma jixrobx xorb alkoholiku mea jkun ser isuq u dan ghaliex ikun mhux biss qed jikser il-ligi u ghalhekk jiffaccja l-id tal gustizzja izda ukoll ghax ikun ta' perikolu ghalih u ghal terzi. Konsegwentemnt dan il-fattur fil-verita ma inaqqas xejn minn dak li setgha ghamel l-appellant sabiex sehh dan l-incident, salv li suppost kellu l-menti tieghu cari.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz jitratta incident awtomobilistiku li gara nhar it-28 ta' Dicembru 2012 fi Triq il-Marfa Mellieha ghall-habta tad-09.45 ta' filghaxija. F'dan l-incident kienu involuti tlett vetturi: dik tat-tip Seat Ibiza b'numru ta' registrazzjoni JMC 230 misjuqa minn Jason Bartolo; dik ta' tip Fiat 500 b'bumru ta' registrazzjoni KBP 0721 misjuqa minn Pio Valletta; u l-vettura ta' tip Opel Corsa b'numru ta' registrazzjoni KAA 551 liema vettura kienet propjeta ta' Neal Borg u fil-hin tal-incident kienet ipparkeggjata fit triq.

**PS 419 Anton Buttigieg** xhed u spejga kif nhar it-28 ta Dicembru, 2012, ghall-habta tal-9.45 p.m kien gie infurmat li kienet sehhet kollizjoni fi Triq Il-Marfa, u li kien hemm xi nies feruti. Huwa mar fuq il-post fejn sab illi kien hemm kollizjoni bejn tlett vetturi. Il-vettura tal-ghamla Seat Ibiza numru ta' registrazzjoni JMC 230 misjuqa mill-appellant, il-vettura bin-numebr plate PV mijsua minn Dr Pio Valletta u vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni KAA 511 li kienet ipparkjata.

Issejhu tas-Civil protection fuq il-post u bl-ghajnuna taghhom Dr Valletta harguh mill-vettura u ittihdet l-isptar b'ambulanza. L-appellant ma kienx fuq il-post u l-pulizija giet mgharfa li kien ittihed mill-hbieb biex jigi ezaminat minn tabib u dak il-hin cempillu u talbu jigi l-ghassa halli jigi mitkellem. L-appellant gie mitkellem u qal li kien gej mid-direzzjoni tal Ghadira u fil-liwja tilef il-kontrol u baqa' sejjer n-naha l-ohra tat-triq u habat ma vettura li kienet ipparkeggjata u head on mal-vettura PV misjuqa minn Dr Pio Valletta. Huwa talab lill-appellant biex jaghti kampjun tan-nifs u l-appellant ma oggezzjonax u r rizultat kien wiehed negattiv ghall-presenza ta' xorb allkoholiku. Huwa pprezenta l-okkorenza, il-breath alcohol test record kif ukoll l-isketch fol. 86 et seq.

**Dr Pio Valletta** xehed nhar il-25 ta' Gunju, 2014 u spjega li nhar it-28 ta' Dicembru 2012 ghall-habta ta 9.35 p.m u kien ser iwassal habib tieghu Terry Donnoly, lejn il-vapur ta' Ghawdex biex jaqbad il-vapur tal-10.15p.m. Ghalhekk qabad it-triq li tghaddi mir rahal tal Mellieha, it-triq l-antika. Kien mixi b'xi 35 km/fs. Ma kienx mghaggel u kien trankwil. Fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm sqaq, ra vettura

titlef il-kontrol xi mit metru l-boghod minnu u ra tiswervja u dak il-hin qal lil siehbu Donnoly li dik il-vettura tilfet il-kontrol u kien qed jinkwieta. Ghalhekk dak il-hin haseb li kellu jieqaf u hekk ghamel. Minn meta ra din il-vettur sakemm dahlet go fih ghaddew biss ftit sekondi. Jghid li sema hoss kbiru u qala daqqa kbira. Il-vettura kienet gejja bi speed eccessiv zgur li ma kienx speed prudenti. Jghid li ma jafx ghaliex kient tilfet il-kontroll pero zgur li kellu speed qawwi u dan jghidu ghaliex l-ewwel darba li ra l-vettura misjuqa mil-appellant kienet meta kien xi mitt metru l-boghod u ftit sekondi wara spiccat dahlet go fih.

Gie mgharraf izda hu ma rahiex li kienet laqtet karozza ohra qabel ma spiccat mahbut go fih.

Qal li hu u sihbu kienu libsin is-seat belts, infethu l-air bags u l-vettura spiccat fi stat disastruz. Qal li ipprova johrog mill-vettura izda siequ cediet. Qal li spicca bl-ghadma taht l-irkoppa miksura f'ghoxrin bicca u li seta kien hemm lok ghall-amutazzjoni. Qal li b'kollox ghamel xi tmien gimghat l-isptar. L-konsulent Ortopedediku tieghu Thiomas Azzopardi qallu li kien ser jibqa' isofri minn disabilita permanenti ta 18% jew 19%. Ikonferma li l-vettura tieghu kient tal-ghamla Cinque Cento waqt li dik li dahlet fih kient tal ghamla Seat Ibiza.

Ikkonferma li meta intlaqghat kien wieqaf u dan ghaliex meta ra l-vettura titlef il-kontroll kellu zmien jieqaf.

In kontro esami nhar is-6 ta' Lulju 2015 ighid li kien wasal ftit qabel il-Luna Holiday Complex meta ra l-vettura tal-appellant. Vetturi ohra quddiemu ma jafx li kien hemm. Qal li apparti dawl tal-vettura kein hemm ukoll dawl tat-triq minkejja li mhijiex xi triq illuminata hafna. It-triq kienet niexfa u qal lit-triq mhiex perfetta 'izda bumpy'. Ikkonferma li l-vettua raha meta kienet xi tletin metru 'l boghod xi mitt pied u ra l-ewwel darba kif daret wara it Tunny Net ha taqbad it-triq ghal fuq. Kien hemmhek meta ra d-dawl taghha u raha fuq il-karreggjata tieghu u f'xi tlett sekondi kien hemm l-impatt.

**Terrence Donnoly** xehed u ikkonferma li kien rikeb fil-vettura ta Dr Pio Valletta u stqarr li Dr Valletta kien qed iwasslu mill Mellieha lejn ic-Cirkewwa sabiex jaqbad il-ferry. Qal li ra dwal mixghula ta' vettura gejja bi speed qawwi mid-direzzjoni opposta. Qal li imbaghad dahal f'vettura jew tnejn u spicca mahbut go fihom. Huwa ittihdet l-isptar ghaliex kien wegga u kien mimli tbengil. Jghid li spicca fuq stretcher u mehud l isptar b'ambulanza. Qal li ghamel hames xhur nieqes mix-xoghol minhabba dan l-incident ghaliex ma setghax jahdem. Mistoqsi jekk rax is sewwieq tal vettura jghid li le qatt ma rah.

**Dr Michael Spiteri** xehed nhar il-15 ta' Settembru 2014 u ikkonferma li kien ra lil Dr Pio Valletta fid-dipartiment tal-Emergenza fit-28 ta' dicembru 2012 ghall-habta tal-11.20 p.m wara li allegatament kien involut f'incident awtomobilistiku u ikkonferma li Dr Valetta kellu divesi ksur f'saqajh u kien gie operat u sarlu external fixator u ghalhekk kien qed isofri minn griehi ta natura gravi. Huwa esebixxa kopja tan-noti mizmuma l-isptar (fol. 59 li ittiehdu dakinhar li Dr. Pio Valletta gie ammess l-isptar nhar it-28 ta' Dicembru 2012.

Il-**Konsulent Ortopediku Thomas Azzopardi** xehed nhar it-16 ta' Jannar, 2015 u ikkonferma li Dr Valletta kien taht il-kura tieghu wara li kien involut f'incident awtomobilistiku nhar it-28 ta' Dicembru, 2012. Qal li kellu feriti sinjifikanti fl-irkoppa u kellu bzonn kura estensiva. It-tip ta' ksur kienet sinjifikanti u kienet ukoll tinvolvi l-applikazzjoni ta' frame bil-wires u bil-hadid biex izommu – ksur f'postu u b'perijodu twil ta rihabilitazzjoni. Spjega li kien interventi kirurgici u ikklasifika il-feriti bhala dawk ta' natura gravi u per durata ghaliex hallew dizabilta permanenti ta' 18% kif mistqarr fir-rapport tieghu markat bhala dok TA1 (fol. 79).

**Joseph Fenech** xehed u qal li dakinhar tat-28 ta' Dicemrbu 2012 kien rikeb mal-appellant u kien qed jilghab bil-mobile u f'daqqa u l-hin huma u telghin it telgha tal-Mellieha hass skoss u meta refa ghajnejh ra dawl qawwi go ghajnejh u gara l-incident.

Fil-25 ta Jannar 2016 rega xehed u kkonferma li dakinhar jiftakar biss li kien ra dawl qawwi ghaliex kien qed jilghab bil-mobile u ma keinx qed jaghti kaz. Ikkonferma li

kienu dahlu f'vettura tal-ghamla Cinque Cento b'mod frontali. Mistoqsi xi speed kellu jghid li ma jafx ghaliex ma harisx lejn is-speedometer pero forsi kien harira iktar minn 40km f/s.

**Stephen Cachia** in rappresentanza ta' Transport Malta xehed u ikkonferma li l-vettura Cinque Cento bit-targa KBP 072 kienet tappartjeni lil Dr Pio Valletta u kienet registrata fuq ismu ghan-nom ta' Paraggi Holdings fil-jum tal-incident. Il-vettura tal ghamla Seat Ibiza JMC 230 ta' kulur silver kienet registrata fuq l-appellant u kienet ilha registrata fuqu mit-28 ta' Settembru 2009 u giet skrapjata fid-19 ta Frar 2013 waqt li l-vettura tal-ghamla Opel Corsa numru ta' registrazzjoni KAA 511 kienet tghajjat lil Neil Borg u kienet ilha registrata fuq ismu sa mit-23 ta' Mejju, 2012 u giet ukoll skrapjata fit-23 ta' Jannar, 2013.

**Dr Andrea Aquilina** xehed u kkonferma li kien ezamina lil Jason Bartolo fil polyclinic tal-Mosta u sab li kellu ferita ta' tlett centimetri fuq rasu fuq in-naha tal-lemin u kellu xi tbengil fuq l-elbow(kienet elbox) il-leminija u xi brix zghar fuq subajgh. Tghid li kienu gew kagunati b'incient awtomobilistiku skond ma intqal lilha.

**Jason Bartolo** l-appellant xehed minn jeddu u b'mod volontarju stqarr li kien tielgha mill-Ghadira sejjer lejn il-mellieha u ghadda minn quddiem it Tunny Net. Mieghu fil-vettura kellu l-habib tieghu Joseph Fenech.  Kif qabez it Tunny Net xi hamsin metru 'l fuq ra dawl qawwi ta' karozza bright minn quddiemu. Kiser naqra 'l gewwa ghax haseb li kien gej ghal fuqu, hass skoss ghaliex kien hemm hofra u habat rasu mal-pilastu tal bieba u imbaghad ma ra xejn iktar. Imbaghad jghid li hemm naqra ta kisra u sab lil Dr Valletta quddiemu. Pero jghid li ma jiftakarx kif spicca dahal go fih minkejja li l-karozza tieghu spiccat fuq il-karreggjata zbaljata ta-triq . Qabel ma laqghat lil Dr Valletta jghid li laqghat karozza li kienet ipparkjata pero dwar dan sar jaf l–ghada filghodu x'hin kien id-dar jaqra l-gazzetta. Huwa ipprezenta ritratt tal-hofra li hemm fit-triq pero ir-ritratt gie mehud xhur wara l-incident. Ikkonferma li d-dawl tat triq kien mixghul pero ma tantx jkun hemm dawl fit triq. Qal li kien gja karozzi nizlin mid-direzzjoni opposta qabel l-incident u kienu gja qabzuh. Qal li fl-incident wegga ukoll u ghalhekk kien mar il-polyclinic tal-Mosta. Mistoqsi xi speed

kellu jghid li ma jafx pero jaf li kienet gejja telgha. Il-karozza tieghu spiccat *total loss*. Qal li Emy Vella hargu mill-vettura tieghu u kienu hu li akkompanjah il-polyclinic. Qabel l-incident jghid li kien qed isuq bi speed ta bejn 80km/ fs u 100 km/fs. Jghid li l-ispeed massimu f'dik it-triq hu ta 55 km fs u jaf li kien over speeding. Mistoqsi ghaliex ma semmix il-hofra lill-pulizija li investiga l-kaz jghid li ma jiftakarx. Ikkonferma ukoll li fejn sehh l-impatt hemm dawra fit-triq .

**Carmel Debono, S**egretarju Esekuttiv tal-kunsill lokali tal-Mellieha stqarr li it-triq fejn sehh l-incident taqa' f'idejn il-Kunsil u mistoqsi jekk kellhomx xi complaints bejn l-ahhar tas-sena 2012 u 2013 dwar l-istat tat triq il-Marfa jghid li skond ir records tieghu ma jidhrix li kien hemm xi ilmenti f'dik il-parti tat-triq u cioe mir-roundabaout tas Seabank sac-centru tal Mellieha u stqarr li ma ghamlu l-ebda tiswijiet fit triq la dak iz-zmien u lanqas wara.

**Emy Vella** xehed u spjega li kien tielgha f'karozza ohra wara l-akkuzat fit-28 ta' Dicembru, 2012 meta kien involut fl-incident fi Triq il-Marfa, il- Mellieha. Qal li ra lil Jason jipprova jiskapola il-hofra tat triq u ra l-vettura tieghu tmur fil-karggjata l-ohra tat triq. Qal u ra lil Jason jahbat u ghalhekk ipparkja u mar jaghti l-ghajnuna u ha lil Jason il polyclinic. Mistoqsi jekk kienx hemm xi karozzi ohra quddiem Jason jghid li ma jafx kienx hemm ghaliex hu kien warajh. Li jaf hu li kiser ghaliex kien ser jigrilu bhalu. Jaf li l-appellant intlaqat fuq rasu ghaliex kellu d-demm. Boghod mill-akkuzat kien distanza ta' xi zewg karozzi. Qal li hu kien rikeb f'Toyota pick up mill-antiki u kien qed isuq b'xi 40 km fs.

**Nicholas Baldacchino** xehed ghan-nom ta' Transport Malta u dan nhar it-2 ta' Mejju 2016. Qal lit-triq in kwistjoni taqa' fir responsabbilta tal-kunsil lokali tal-Mellieha u qal li minn tfittxija li ghamel ma jirrizultax li kien hemm xi applikazzjonijiet min naha tal-Kunsil Lokali tal-Mellieha sabiex jaghmlu xi tiswijiet f'din it-triq pero' jista' jkun li jkun ghamel xi asphalt u patching minghajr permess minghandhom.

Ikkunsidrat,

Illi dwar il-fatti ftit ma jidhirx li hemm kontestazzjoni, specjalment fejn jirrigwarda kif sehh l-incident u cioe li l-appellant li kien qed isuq baqa' diehel fil-kwerelant Pio Valletta li kien stazzjonat u fil-vettura ta' Neal Borg li kient parkeggjat. Jirrizulta ampjament li l-parte leza Pio Valletta kien qed isuq fil-karregjata tieghu fid-direzzjoni tal-Ghadira mentri l-appellant kien qed isuq fid-direzzjoni opposta sejjer lejn il-Mellieha. F'xi hin l-appellant tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, qasam it-triq, mar fuq il-karreggjata l-ohra u habat fil-vettura li dak il-hin kienet wieqfa b'Pio Valletta go fiha kif ukoll f'vettura ohra li kienet ipparkeggjata (dik ta' Neal Borg), u baqa miexi ghal wiehed u tlettin (31) metru kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Vella spjega ukoll li kien hemm vetturi ipparkjati mal-genb fil-karreggjata taghhom ghalhekk biex tiskapola l-hofra bilfors trid tigbed 'l barra.

Ikkunsidrat,

Illi ghalhekk jirrizulta li hemm certu fatturi ta' improtanza dwar apprezzament ta provi u dawn huma s-segwenti:-

1. L-parte civle Dr Pio Valletta jghid li ra lill-appellant iserrep meta kien mitt metru 'l boghod u kien ghaddej bi speed eccessiv u kien ghalhekk li waqaf ma' genb it-triq fuq il-karreggjta tieghu biex jevita li jsir sinistru u cioe nonnostante l-impatt sar xorta.
2. Dan il-fattur u cioe li l-appellant kellu speed qawwi hu korroborat minn dakli qal ix-xhud Donnoly li qal li ra d-dawl gej mid-direzzjoni opposta u li l-vettura keinet mixja bi speed ecessiv.
3. L-appelant stess jghid li kien mixi bispeed ta bejn 80 km fs u 90km fs li hu speed ecccessiv hafna fi triq resienzjali bil-hwienet go fiha fejn ikun hemm nies ghaddejjin ghall-affari taghhom specjalment fi zmien il-festi.
4. Li x-xhieda imressqa mill-appellant u cioe Joseph Farrugia u Emy Vella jghidu li l-appellant kellu speed normali ta' cirka 40km fs. Dan il-fatt pero mhux minnu molto piu meta tqis li bl-impatt l-appellant baqa' isuq ghal distanza ta 31 metru u cioe iktar minn mitt pied kif indikat fl-isketch esebit fl-atti a fol 96 markat bhala dok AB2 u anke mill-hsarat sofferti fil-vettura tal-istess appellant u ta' Dr Pio Valletta li kienu t-tnejn total loss.

5. Illi L-impatt gara fuq il-karreggjata zbaljata tat-triq tal-appellant li skond Emy Vella l-appellant kien gibed 'l barra biex jevita toqba u kien dak il-hin meta tilef il-kontrol stante kif jghid hu kien hemm dawl qawwi f ghajnejh. Kien wara li habat li ha l-iskoss f'rasu.
6. Jinghad li l-appellant jghid li kien hemm dawl qawwi gej mid-direzzjoni opposta li ghamieh u wara ha skoss u spicca tilef il-kontroll u habat raasu mal-pilastru tal-bieba tal-karozza u ma jiftakar xejn aktar. Pero meta tkellem mal-ufficcjal investigattiv PS419 Anton Buttigieg qallu li ma baqax jara minhabba d-dawl bright ta' xi vettura, qasam it-triq, habat mal-vettura li kienet ipparkjata, u imbaghad habat fil-vettura tal-parte leza. Lill-pulizija la qallhom li hass skoss minhabba xi hofra u lanqas qallhom li habat rasu b'forza tali li minn dak il-mument ma ftakar xejn izjed.
7. Mhux talli hekk izda l-appellant habat ma' karozza ipparkjata qabel ma habat mal-kwerelanti Dr Pio Valetta u jghid li lanqas biss induna b'dan qabel l-ghada meta qara l-ahbar fuq xi gazzetta.
8. Jirrizulta ukoll mir-rapprezentanti mressqa mid-difiza stess li minkejja li jghid lit-triq ma kienitx fi stat tajjeb minhabba hofor ir-rapprezentant tal-Kunsill Lokali Carmel Debono jghid li ilmenti ma kellhomx dwar dik it-triq u xoghlijiet rimedjali ma sarux la mill-Kunsill u lanqas minn Transport Malta. Ghalhekk tali xhieda imressqa mid-difiza stess idajfu dak li ipprovat tallega d-difiza li l-incident sehh minhabba d-dizastru fis-stat tat-triq.

Ghalhekk huwa f'dan il-kwadru ta provi li din il-Qorti trid tiddecidi dan il-kaz.

Ikkunsidrat.

Illi dwar l-ewwel akkuza jinghad li l-ewwel Qorti iddikjaratha preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) u ghalhekk astjieniet milli tiehu konjizzjoni taghha u dwar dik id-dikjarazzjoni ma gie intavolat l-ebda appell u konsegwentement din il-Qorti ser tieqaf hawn f'dak ir-rigward.

Fit-tieni lok l-appellant gie akkuzat talli saq l-vettura b'manjiera traskurat, perikoluz u bla kont kif dispost fl-artikolu 15 tal kap 65 tal-ligijiet ta' Malta. Il-Qorti taghmel

referenza ghas-sentenza deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Gellel** [12] :

"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. **Pul. v. Charles Bartolo,** [13], **Pol. v. Wilson** [14] u **Pul. v. Alfred Vella**[15] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. **Pul. v. Hardingham**[16],. Gie wkoll ritenut li "*Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu .*" (App. Krim. **Pul. v. Charles Farrugia** [17]]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. **Pul. v. Joseph Aquilina**[18], 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. v. Antonio Spiteri**[19] )"..

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : "**The Police vs. Gunner Brian Wilson**[20]" li :-

"*It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving.*" (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Manwel Mallia**[21]")

---

[12] deciz fid-19 ta' Frar, 2004
[13] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-14 ta' Marzu,1959 - Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016
[14] Vol. XXXIX iv.1018
[15] Vol. XLIV, p. 933
[16] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta Otttubru 1963
[17] Vol. XXXIX iv.9 78
[18] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar il l-20 ta april 1963
[19] Vol. XLIV iv. 892
[20] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta Mejju 1955.
[21] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta Marzu 1959

Imbaghad fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**[22]" gie ritenut li ;- "*sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari* ."

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' **Mallia** u **Bartolo** fuq citati "*kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit , kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz . Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu*."

Jirrizulta bic-car f'dan il-kaz li l-appellant kien qed isuq bi speed eccessiv u dan fi triq principali abitata u in eccess mill-ispeed limit impost mill-ligi . Jinghad li min ikun ghaddej minn triq principali, bhalma kien ghaddej l-appellant, ghandu d-dritta izda xorta jrid izomm a proper look-out u jsuq bi speed li mhux biss ma jeccedix dak regolamentari izda lanqas ma jeccedi dak dettat mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Roger Bugeja**[23] fit-30 ta' Gunju 1962 (Vol. XLVI.iv.873) intqal hekk:

"*Speed eccessiv wahdu mhux tabilfors hu speed perikoluz, imma jista' jkun tali f'determinati cirkustanzi (App. Krim.* ***'Pul. vs. Sapiano'***[24]*,;* ***'Pul. vs. Galea'***[25]*,); u f'dawk ic-cirkustanzi speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, ghax il-limiti allura jkun impost mill-prudenza, dettata mill-fatturi ambjentali tal-mument* [26]

Jinghad li f'din il-kawza sehhet kollizjoni in vista tas-sewqan eccessiva tal-appellant. Jigifieri huwa ma kienx qieghed izomm a proper look-out. Fl-istess hin, ic-cirkostanzi juru li l-appellant kellu litteralment isammar il-brakes biex jevita l-impatt kemm mal-veteura stazzjonata kif ukoll mal-kwerelanti pero dan ma setgahx jaghmlu minhabba l-ispeed li kellu. Tant ma kienx jaf x'kien ghaddej li lanqas ma induna li kien habat

---

[22] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Mejju 1953 - Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108
[23] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Gunju 1962 (Vol. XLVI.iv.873).
[24] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1960.
[25] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar il- 5 ta' Novembru 1960.
[26] Ara wkoll Crim. Law Review, Dec. 1961, pp. 835-836 kif ukoll Ara wkoll Appelli Kriminali: Il-Pulizija v. Neville John Psaila, 20 ta' Marzu 2003; Il-Pulizija v. Francis W. P. G. Zarb Adami, 7 ta' Frar 2003; Il-Pulizija v. Stephen Zammit, 10 ta' Lulju 2002; Il-Pulizija v. Kenneth Borg, 18 ta' April 2002; Il-Pulizija v. Anthony Chircop, 11 ta' April 2002; Il-Pulizija v. Robert Pace, 11 ta' Gunju 2001.

f'zewg karozzi. Dan huwa indikattiv ta' sewqan inqas milli prudenti ghal-lokalita` fejn sehh l-incident in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk tistaqsi jekk dan l-agir tal-appellant jistax jiffigura bhala sewqan perikoluz? Fil-fehma tal-Qorti ma hemmx dubbju li kien sewqan perikoluz (dangerous driving) u dan ghaliex tali sewqan kien ta' perikolu kemm ghal terzi u ghall-proprjeta' taghhom kif ukoll ghalih meta spicca ferut u b'karozza toal loss. Naturalment meta din il-Qorti qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita' ta' l-incident, il-perijodu taz-zmien u l-presenza o meno ta' traffiku iehor li kien hemm inkluz l-karozzi ipparkjati, l-appellant qatt ma messu saq b'dik il-manjera u b'dik il-velocita. Appuntu dak l-eccess ta' speed u nuqqas ta proper look out iwassal ghal sewqa perikoluz.

Fit-tieni lok l-appellant gie akkzuat bir-reat involontarju li ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta Dr Pio Valletta u dan minhabba nuqqas ta hsieb, jew traskuragni jew nuqqas ta' hila fil-professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat traffiku. Il-gurista **Sir Anthony Mamo,** fin-Noti tieghu, jispjega illi ghalkemm il-frazijiet "nuqqas ta' hsieb" u "traskuragni" mhumiex moghtija definizzjoni mil-ligi pero' jkompli jghid li "*it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances*" .

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, "*the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen*". Sabiex jenforza t-tezi tieghu, **Mamo** jaghmel referenza ghat-taghlim ta' **Francesco Carrara**, u jikkwotah kif segwenti –

"*Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa*" .

**Antolisei**, fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale** (Parte Generale), jaghmel ukoll referenza ghal **Carrara**, u jghid hekk:

*"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze*

*possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'"*.

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech** gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ippreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli, ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.

Fil-kaz in dezamina dan l-incident kien prevedibbli u dan ghaliex is-sewwieq kien qed isuq vettura b'velocita qawwija bil-lejl meta hu stess jghid li it triq ghalkemm kellha d-dwal ma tant kienet imdawwla, meta kien ser jitla telgha u jaf li mal-gnub tat-triq kien hemm karozzi pparkjatai, meta jaf li mid-direzzjoni opposta kienu gejjin vetturi tant li jghid li uhud kienu lahqu ghaddew, meta ra dawl qawwi gej u cio nonostante xorta jibqa ghaddej bi speed donnu biex jisfida l-elementi.

Huwa dan l-agir inkonsultiv li din il-Qorti qed tikkundanna l-non chalence tas-sewwieq li seta jipprevedi l–perikolu u xorta ma tax kaz u baqa' ghaddej.

Il-Qorti ma temminx il-versjoni tal-appellant moghtija fil-pedana tax-xhieda li minhabba l iskoss li ha habat rasu u storda u spicca fil-kwerelanti. Ir-realta' hi li dahal go toqba tilef il kontrol minhabba l-ispeed eccessiv tieghu, tilef il-kontrol u spicca habat f karozza ipparkjata u fil-kwerelanti u minhabba dan l-agir tieghu irresponsabbli l-kwerelanti spicca b'disabilita permanenti ta 18% kif ukoll b'karozza dikajrata total loss. Huwa minhabba ta' dan in-ness ta' kwzalita bejn is-sewqan tal-appellant u d-dannu tal-kwerelant li jahti l-istess appellant, stante lid-danni subiti mill-kwerelanti gew kagunati minnu.

Il-Qorti rat li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova li fis-sewqan tal-appellant kien hemm :-

1. azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u nonkuranti.
2. ness bejn l-azzjoni perikoluza li ha l-appellant li hareg il-barra biex jevita hofra u spicca daha f'zewg vetturi li kienu stazzjonati u l-event dannuza u cioe il-feriti gravi subiti minn Dr Pio Valletta u l-hsara li huwa ikkaguna fil-vettura ta' Dr Pio Valletta u fil-vettura l-ohra tal-ghamla Opel Corsa .
3. l-element tal-prevedibbilita' li kien ser jigi kawzat dan l-incident sinsitru.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal fehma li l-ewwel Qorti uzat id-diskrezjoni taghha meta ghamlet apprezzament tal-provi prodotti u ma hemm xejn li jindika li l-gudizzju milquhgh minnha ma kienx wiehed ' safe and satisfactory.

Dwar il-piena jinghad li l-appellant talab li f'kaz ta' htija ikun hemm varjazzjoni fil-piena u cioe li tigi imposta sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Dwar dan jinghad illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti dis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[27] sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

[27] Deciza mill Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[28] , I**l-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[29] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[30] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[31], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi ghalhekk stante li l-piena inflitta taqa' fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma thossx li hija wahda ingusta tiddikjara li ser tabbraccjaha fl-intier taghha.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa l-appell tal-appellant fejn talbet li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat l-ewwel akkuza preskritta u tichadha fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talba b'dan illi tiddikajra li qed tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-htija tat- tieni u tielet akkuza.

Dwar il-piena inflitta din il-Qorti mhiex ser tordna modeament fiha kemm fir-rigward tal multa inflitta kif ukoll dwar l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-istess perijodu hemm indikat.

---

[28] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[29] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[30] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[31] Mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001

Il-Qorti pero' qed taghti fakolta lill-appellant li jhallas il-multa inflitta b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt euro (€100) fix-xahar l-ewwel pagment huwa dovut sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, 2019 u dan ai termini ta' l-artikolu 14 (2) tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur